MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2013

Avviz Numru. 185/2012

**Edgar Fava**

**vs**

**Stephen Camenzuli, Alfred Camenzuli u Alfrieda Camenzuli**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur ta’ l-attur Edgar Fava pprezentat nhar it-28 ta’ Mejju 2012 fejn talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti Stephen Camenzuli, Alfred Camenzuli u Alfrieda Camenzuli ihallsuh is-somma ta’ erbat elef Ewro (€4,000) rapprezentanti l-ammont dovut bhala kumpens talli uzaw ghodda u vann u affarijiet ohra ta’ l-attur ghal ghoxrin gurnata kif ukoll sehem l-attur mill-profitt skond ftehim bejn il-partijiet kif se jigi spjegat fil-kawza.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja datata 24 ta’ April 2012. Ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti kifipprezentata fl-atti nhar it-3 ta' Lulju 2012 fejn eccepew:

*1. "Illi l-konvenuti gew notifikati bir-rikors fuq imsemmi nhar id-29 ta' Marzu 2012 u in ottemporanza ma dak ordnat mill-Qorti ser ighaddu biex bir-rispett jissottomettu l-umli risposta taghhom.*
*2. Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju l-konvenuti Alfred Camenzuli u Alfreda Camenzuli li huma l-genituri tal-konvenut Stephen Camenzuli, li gew citati bhala debituri tar-rikorrenti fil-verita ma kellhom l-ebda involvement fin-negozju ta' bejn Edgar Fava u Stephen Camenzuli u ghaldaqstant ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.*
*3. Illi u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenuti esponenti jirrilevaw li huma ma ghandhom jaghtu l-ebda somma fi flus kif indikata mir-rikorrenti fit-talba atttrici minnu intavolata.*
*4. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.*
*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat in-nota tal-attur kif prezentata fl-atti fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2012 li permezz taghha ipprezenta l-affidavit tieghu li gie mmarkat bhala Dok EF.

L-affidavit tieghu, l-**attur Edgar Fava** stqarr illi huwa u Stephen Camenzuli kienu jahdmu flimkien bi shab. Kienu jahdmu xoghol tal-ilma self employed u kienu jaqsmu il-profitt. Stqarr illi Stephen Camenzuli kien jigbor ic-cekkijiet u dan kien jaqsam il-flus mieghu. Qal li l-ahhar xahar kellhom profitt ta' sitt elef ewro izda minnhom tah biss elfejn u kien qallu li meta jircievi iktar flus jghatih l-elf ewro li kien fadal. Kien jitolbu dan l-elf ewro izda qallu li kien ghadu ma irceviex il-flus minghand id-debituri taghhom. Stqarr li Camenzuli kien jixrob hafna u darba minnhom qallu li ma kellux itih iktar.

Wara xi xahar u dan dejjem fis-sena 2010 marret omm Stephen Camenzuli certu Alfrieda u talbitu jghaddi l-

ghodda lilha u lil Stephen. Tenna li l-ghodda kienu tieghu. Iddikjara li ma kienux ftiehmu dwar il-prezz tal-kiri tal-ghodda izda kienu ftiehmu li una volta jirritorna mis-safar kellhom jiltaqghu sabiex jiftiehmu dwar il-prezz tal-kiri tal-ghodda.  Ikkonferma li wara wiehed u ghoxrin gurnata regghet marret Alfrieda u talbitu li tiehu lura l-ghodda. Ghalhekk qed jippretendi is-somma ta’ tlett elef ewro (€3,000) tal-kiri tal-ghodda ghal wiehed u ghoxrin jum.

Darba minnhom Alfrieda Camenzuli kienet qalet ex admissis li ‘*issa ihalsuni’* izda qatt ma halset u ghalhekk kellu jibda dawn il-proceduri.

Rat in-nota ta’ Stephen Camenzuli li giet ipprezentata fil-25 ta’ Frar 2013 li permezz taghha huwa pprezenta l-affidavit tieghu.

Fl-affidavit tieghu, il-konvenut iddikjara li huwa jinsab dizokkupat. Fil-mument li huwa hadem flimkien ma’ Edgar Fava huwa kien *self-employed* u jahdem ghal rasu. Huwa qatt ma’ kellu haddiema jew impjegati mieghu ghax dejjem hadem wahdu. Ix-xoghol tieghu jikkonsisti f’xoghol manwali.

Xi zmien ilu huwa kien sar jaf li l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma kienet harget *tender* biex jigu mibdula u nstallati mains tal-ilma gewwa residenzi privati u kien thajjar japplika ghalih. Huwa kien tefa’ l-applikazzjoni tieghu u kienet giet accettata. Din l-applikazzjoni kienet f’ismu u x-xoghol kien inghata lilu.

Il-konvenut Stephen Camenzuli spjega li Edgar Fava kien gar tieghu u kien jaghmel xoghol manwali. Huwa stqarr illi peress illi l-ammont ta’ xoghol ta’ dan it-*tender* kien voluminuz, kien staqsa lil Fava jekk riedx jghinu u spicca jmur jghinu kuljum. Il-ftehim ta’ bejniethom kien li jhallsu skont kemm jahdmu. Lil Edgar Fava kien ihallsu l-konvenut stess bi flus kontenti wara li l-Korporazzjoni tkun hallset lilu b’cekk. Huwa spjega li kien jikkalkula kemm-il siegha jkun hadem l-attur u jhallsu skont il-kaz.

Il-konvenut iddikjara li meta l-Korporazzjoni taghtu t-tender hi kienet talbitu biex jaghmel depozitu ta' €6,000 bhala garanzija. Din fil-fatt saret mal-Bank of Valletta. Huwa sostna li l-flus kienu tieghu u kien qed jaghmel tajjeb huwa stess. Li kieku t-*tender* inghata lilu u lil Edgar Fava, il-Korporazzjoni kienet torbot lil Fava wkoll biex jaghmel garanzija bankarja.

Il-konvenut spjega li kellu bzonn jixtr*i jack hammer* li sewa €4,000 ghal dan it-tender. Dan il-*jack hammer* kienet saritlu l-hsara waqt li kien qed juzah l-attur izda l-konvenut qatt ma talbu flus biex jirrangah ghax qal li dawn huma affarijiet li jigru. Il-konvenut kellu l-ghodda tieghu u Edgar Fava kien jiehu l-ghodda mieghu meta kienu jmorru fuq il-post tax-xoghol.

Il-vann li kienu juzaw biex imorru ghax-xoghol kien proprjeta' ta' l-attur. Dak iz-zmien il-konvenut ma kellux karozza u kien l-attur li xtara l-vann biex ikollhom mezz ta' trasport biex imorru fid-diversi lokalitajiet. Il-konvenut jahseb li r-raguni li l-attur ghamel dan kien ghax kien offrielu l-possibilita' li jahdem u jaqla' xi haga tal-flus. Meta jispiccaw mix-xoghol l-attur kien ihalli l-vann fil-garaxx ta' missier il-konvenut skont arrangament li kellhom. Il-konvenut sostna li hadd qatt ma tkellem fuq hlas ghall-uzu tal-ghodda jew tal-vann.

Spjega li huwa kellu numru tal-VAT peress li dak iz-zmien kien *self-employed*. Pero' f'dan il-kaz partikolari ma kellux bzonn dan in-numru stante li kien ezenti. L-invoices kienet tahdimhom ommu u cioe' Alfrieda Camenzuli skont in-numru ta' *mains* li kienu jbiddlu u skont l-ammont li kellu jithallas abbazi tat-tender.

Meta t-tender spicca, ried jaghti l-ghodda lura lill-attur izda qallu biex ihalliha wara l-bieb ta' barra. Ovjament il-konvenut stqarr li ma riedx ghax beza' li tinsteraq u jehel hu. Huwa ried ukoll li meta jaghtih l-ghodda lura jkunu certi li jkun ha kollox. Huwa zamm l-ghodda fil-garaxx ta' missieru sakemm l-attur gabarha u anke l-vann kien thalla pparkjat fil-garaxx ta' missieru ghalkemm kien xeba' jghidlu biex imur inehhieh.

Rat in-nota ta’ Stephen Camenzuli li giet prezentata fil-25 ta’ Frar 2013 li permezz taghha huwa pprezenta s-segwenti dokumenti:

- Dok. A – Ittra datata 28 t’April, 2009 mibghuta minn Stephen Camenzuli lil Water Services Corporation fejn dahhal applikazzjoni tieghu ghat-tender CT/WSC/T/15/2009.
- Dok. B – L-applikazzjoni li saret f’isem Stephen Camenzuli ghat-tender supra riferit datata 28/04/2009.
- Dok. C – Article 49 Declaration mimlija u ffirmata minn Stephen Camenzuli datata 28/04/2009.
- Dok. D – Ittra datata 31 ta’ Lulju 2009 mibghuta mill-Water Services Corporation lil Stephen Camenzuli tinfurmah li t-tender li applika ghalih permezz ta’ ittra u l-applikazzjoni datati 28 ta’ April 2009 (Dok A) gie milqugh.
- Dok. E – Ittra datata 30 ta’ Marzu, 2010 mibghuta mill-Water Services Corporation b’referenza ghal ittra taghhom tal-31 ta’ Lulju 2009 (Dok. D) fejn l-istess Korporazzjoni regghat baghtet ittra lil Stephen Camenzuli tikkonferma l-kontinwazzjoni tax-xoghlijiet parti mit-tender li hu kien inghata.
- Dok. F – Ittra datata 22 ta’ Frar, 2010 mibghuta minn Stephen Camenzuli lil Water Services Corporation fejn il-mittenti accetta t-tender minnu mirbuh.
- Dok G – Garanzija bankarja mahruga mill-Bank of Valletta p.l.c. a favur tal-Water Services Corporation fejn qieghda ssir referenza ghal garanzija li huwa ghamel in segwitu ghat-tender kif kien marbut jaghmel fejn qieghed jigi mitlub jikkonferma l-estensjoni tal-garanzija

**Stephen Camenzuli** xehed in kontro-ezami fit-18 ta’ Marzu 2013 fejn iddikjara li qabel ma ha t-tender tal-ilma huwa kien jahdem ghal rasu ghalkemm kellu *part-time job*. Huwa minnu li huwa kien ftiehem mal-attur li effettivament ix-xoghol li kellhom bejniethom kellhom jaqsmu l-profitti bejniethom pero’ sussegwentament ir-rizultati u l-ispejjez tant kienu kbar li kellu jieqaf minn dan ix-xoghol ghax ma kienx vallapena. Qabel ma ha t-tender huwa ma kellux vann.

Ix-xhud ikkonferma li l-vann kien xtrah l-attur. L-ghodda effettivament kien xtraha l-attur u fil-fatt meta spiccaw jahdmu flimkien tahielu lura. Spjega li huwa ma ghamlu l-ebda ftehim dwar kumpens minhabba l-uzu ta' l-ghodda peress li kien xtraha l-attur. Lanqas affarijiet bil-miktub ma kien hemm bejniethom dwar dan. Huma damu xi sena bejn wiehed u iehor flimkien u juzaw l-ghodda tal-attur.

Huwa waqaf mix-xoghol ghax xtaq li l-konvenut ikollu paga izda hu ma xtaqx. Mistoqsi kemm damu fil-garaxx ta' missieru l-ghodda tal-konvenut wiegeb li ma jafx. Huwa kkonferma li l-ahhar cekk li rcevew kien ta' hamest elef ewro, u huwa qasmu mieghu u hadu nofs kull wiehed. Mistoqsi jekk hux minnu li effettivament zamm tlett elef u ghaddielu biss elfejn, wiegeb li dwar dan ma jiftakarx. Mistoqsi jekk hux minnu li waqt li kien qed isir ix-xoghol huwa kellu jixtri xi parts ghal ghodda qal li mhux minnu. Id-dijzil li kien jintuza fil-vann kienu jaqsmuh nofs bin-nofs. Mistoqsi jekk kienx izomm nota ta' kemm kien jircievi u kemm kien ihallas qal li gieli iva u gieli le. Mistoqsi kemm effettivament ircieva flus in konnessjoni ma' dan ix-xoghol u kemm effettivament tah qal li ma jiftakarx u ma ghandux rendikont.

**Edgar Fava** xehed in kontro-ezami fit-18 ta' Marzu 2013 fejn iddikjara li huwa kien registrat bil-VAT number. Nonostante dan, huwa minnu li huwa kien shab ma' Stephen Camenzuli ghalkemm kellhom VAT number kull wiehed. Huwa spjega li ghalkemm kellhom dan in-numru tal-VAT huma kienu ezentati. Mistoqsi x'tip ta' xoghol kienu jaghmlu qal li kienu jaqilghu sistemi antiki, jghaddu l-pajpijiet u jaghmlu sistemi godda. Ix-xhud ikkonferma li dan ix-xoghol kien hareg b'tender u kien applika ghalih Stephen Camenzuli. Pero' mhux minnu li fl-applikazzjoni ma jidher imkien ghaliex qal li kien deher mieghu. Huwa kkonferma li l-korporazzjoni kienet tohrog ic-cekk f'isem Stephen Camenzuli.

Ix-xhud spjega li huma bdew b'dan ix-xoghol f'Mejju 2010 u ghamlu xi ghaxar xhur jew sena flimkien. F'dawn l-ghaxar xhur ma qalghux aktar minn elfejn ewro ghalkemm

ma jafx bl-amment ezattament kemm qala' izda ghandu kollox miktub id-dar. Huwa tenna li l-vann li bdew juzaw bejniethom kien jinzamm ghand Stephen Camenzuli flimkien mal-ghodda. Huwa sostna li qatt ma hallas biex il-vann u l-ghodda tinzamm fil-garaxx li huwa proprjeta' ta' Stephen Camenzuli. Mistoqsi jekk kienx hemm xi ftehim bil-miktub dwar iz-zamma tal-garaxx u l-ghodda fil-garaxx tieghu wiegeb li ma kienx hemm. Mistoqsi mill-Qorti kif wasal ghat-talba tieghu fejn talab tlett elef ewro wiegeb li kieku huwa kera vann u ghodda ghal dak il-perjodu ta' wiehed u ghoxrin gurnata kien ihallas tlett elef ewro u ghalhekk qed jipretendi hamsa u disghin ewro (€95) kuljum. Huwa spjega li qabel ma bdew bix-xoghol huwa kien mar u gab stima u qalulu li biex jikru l-ghodda li kellhom bzonn, kellu bzonn jonfoq tlett mitt ewro kuljum. Gieli lanqas kien ikollhom tlett mitt ewro xoghol kuljum. Huwa jiftakar li kien mar ghand Godwin Garage tal-Balal u l-ghodda gabha minghand wiehed magenbu li qieghed tal-Balal ukoll.

Ix-xhud ikkorega ruhu u qal li l-ahhar pagament ma kienx sitt elef izda kien hamest elef. Ghalkemm ic-cekk kien ta' hamest elef, huwa qed jipretendi elf ghax huwa zamm elf u tah elfejn. Hawn il-Qorti nfurmatu li jekk jiehu elf ewro jigi li jkun ha aktar mill-parti l-ohra. Huwa wiegeb li ma jafx u ried igib il-karti sabiex juri kemm ircieva.

**Alfrida Camenzuli** xehdet fit-18 ta' Marzu 2013 fejn iddikjarat li hija tigi omm Stephen Camenzuli. Hija taf li bejn binha u Edgar Fava ma kienx hemm ftehim pero' meta t-tifel taghha kien jircievi c-cekkijiet u talabha x'kellu jaghti lil Edgar Fava hija kienet qaltlu li kellu jaghtih nofshom. Hija kkonfermat li kemm damu jahdmu flimkien, Edgar Fava kien jircievi nofs dak li kien jircievi Stephen. Pero' ma setghatx tghid bl-amment kemm effettivament ircieva flus Stephen Camenzuli izda ghandhom miktub fuq il-kotba. Hija promettiet li fis-seduta sussegwenti tesebixxi l-kotba li ghandha.

**Alfrida Camenzuli regghet** xehdet fl-10 ta' April 2013 fejn iddikjarat li hija tigi omm Stephen Camenzuli. Hija ezebiet in-notamenti li kienet hadet rigwardanti l-*income* li

kellu t-tifel taghha minn dan in-negozju. Dawn in-notamenti gew immarkati mill-Qorti bhala Dok. Z.

**Alfrida Camenzuli** xehdet in kontro-ezami fil-15 ta’ Mejju 2013 fejn giet mistoqsija x’kien l-ammont totali li huma rcevew in konnessjoni ma’ dan in-negozju qalet li bl-amment ma tafx, pero’ dan hu ndikat fid-dokument Z li hi ezebiet fis-seduta precedenti. Hija stqarret li Edgar Fava sussegwentament kien jiehu nofs is-somma ndikata. It-total tad-dokument Z huwa ndikat fuq kull pagna b’mod separat pero’ t-total globali ghadha ma kitbitux. Hija ma tafx bl-amment kemm hallsu lil Edgar Fava pero’ kull fejn hemm total huma ghaddewlu nofsu.

Mistoqsija jekk hux minnu li fis-sena 2010 huma taw lil Edgar Fava s-somma ta’ elfejn ewro biss, hija wiegbet li ma tafx. Mistoqsija jekk huma kkalkulawx l-ispejjez per ezempju tal-vann u l-uzu tieghu qalet li ma tafx. Hija taf li l-vann in kwistjoni kien propjeta’ ta’ Edgar Fava. Hija ma jidrilhiex li kien hemm bzonn li t-tifel taghha jikri vann ghax effettivament taf li l-vann kien tal-attur u kienu juzawh flimkien. L-uzu tal-vann qatt ma gie kkalkulat bhala ammont meta huma kienu jhallsu lil Edgar Fava. Hija sostniet li jekk huma uzaw l-ingenji tal-attur, l-attur uza l-ingenji taghhom u kien ghalhekk li ma gewx ikkalkulati. Mistoqsi x’kienu l-ingenji ta’ Fava qalet li ma tafx. Hija taf pero’ li huma kellhom *jackhamme*r li kien gdid u kienu xtrawh ghal €4,000.

Ix-xhud spjegat li meta originarjament kien beda dan in-negozju, huma ezaminaw l-affarijiet li kien ser johrog hu u dak li kienu ser johorgu huma u kienu waslu ghal ftehim li effettivament bejn wiehed u iehor kellhom l-istess spejjez. Fil-fatt mistoqsija jekk hija kitbitx din l-informazzjoni dwar l-ispejjez li hargu huma, qalet li iva ghandha xi mkien pero’ ma ghandhiex dak il-hin fuqha l-Qorti. Hija promettiet li tesebixxi nota dwar l-affarijiet li bdew juzaw ta’ xulxin.

**Alfrieda Camenzuli** regghet xehdet fid-29 ta’ Mejju 2013 fejn ikkonfermat li t-tifel kien xtara *jack hammer* li kien swieh €4,000. Filfatt esebiet fotokopja tac-cekk tal-elf

ewro li kienet sellfitu hi u li l-Qorti mmarkat bhala Dokument Z. Oltre dan esebiet ukoll karta mahruga mill-Bank of Valletta li tindika li huwa kien issellef tlett elef ewro mill-bank sabiex jixtri dan il-jack hammer, liema karta giet immarkata bhala dokument Z1. Ix-xhud esebiet ukoll dokument iehor li l-Qorti mmarkat bhala dokument Z2 fejn hemm indikat l-affarijiet li kien xtara Edgar Fava u dawk li kien xtara t-tifel Stephen Camenzuli. Edgar Fava kien hareg is-somma ta' €288 lil Bonnici Brothers, vann second hand €800, kont ta' Marketing €1,865, miscellaneous expenses €322 u magna tat-tarmac €750, b'kollox huwa kien nefaq €4,025 waqt li t-tifel taghha kien xtara *jack hammer* ghas-somma ta' €3,996 minghand Guillaumier, u ghalhekk bejn wiehed u iehor kienu hargu l-istess flus. Effettivament dan il-*jack hammer* kien gie mixtri minha u mit-tifel taghha flimkien. Dawn l-ispejjez effettivament il-partijiet harguhom qabel ma bdew. Din il-karta pero' dokument Z2 m'ilhiex li ghamlitha, ghamlitha meta bdiet taghmel il-kontijiet. Effettivament kienu marru mas-sur Edgar Fava anke meta xtara l-vann. L-ewwel kien ser ihallas deposit tal-vann, imma mbaghad hallas kollox. Fil-fatt kienet ix-xhud li harget l-ircevuta. Din l-ircevuta pero' ghaddietha lilu stess ghand is-sur Fava u dan ghax ma kienx jaf jiktibha minn fejn xtraw dan il-vann.

Ix-xhud ikkonfermat li l-ghodda baqghet ghandhom ghal xi zmien meta Stephen u Edgar waqfu n-negozju ta' bejniethom, pero' dan gara hekk ghax l;-attur ma marx jigborhom. Dawn l-affarijiet damu ghandhom xi hmistax-il gurnata jew tlett gimghat, ghax huwa kien qal lix-xhud biex taghmilhomlu wara l-bieb u hija ma dehrilhiex li kellha taghmilhom hemm. Effettivament hija kienet qaltlu biex imur l-garaxx biex tghaddilu l-affarijiet, ghamlitlu lista ta' l-affarijiet u kien iffirmalha li hadhom.

Rat in-nota pprezentata mill-konvenut nhar is-17 ta' April 2013 li permezz taghha eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2147(c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza nhar it-18 ta' Gunju 2013 u jawtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur qed ifittex lill-konvenut Stephen Camenzuli u lill- genituri tieghu ghal somma flus u cioe' erbat elef ewro (€4,000) rapprezentanti din is-somma in kwantu ghal elf ewro sehmu minn negozju li kien hemm bejnu u bejn l-konvenut u t-tlett elef ewro jirrapprezentaw kiri ta' ghodda u uzu ta' vann ghal perijodu ta' tlett gimghat.

Minn naha l-ohra il-konvenuti konjugi Alfrieda u Alfred Camenzuli in primis jghidu li ma humiex il-legittimi kontradritturi ghaliex ma kellhomx x'jaqsmu xejn man-negozju u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u fit-tieni lok, u dan flimkien mal-konvenut Stephen Camenzuli, jiddikjaraw li m'ghandhom jaghtu xejn lill-attur.

Illi ghalhekk jehtieg li preliminarjament din il-Qorti tezamina l-atti sabiex tara jekk effettivament hux minnu li l-konvenuti konjugi Alfred u Alfrieda Camenzuli m'humiex il-legittimi kontradritturi u dan ghaliex ma kienux involuti fin-negozju de quo. Il-Qorti ezaminat id-dokumenti esebiti fosthom id-Dokument A li hija ittra datata 28 ta' April 2009 fejn il-konvenut Stephen Camenzuli de proprio kien baghat ittra lic-Chief Executive Officer tal-Water Services Corporation b'referenza ghat-tender li kien hareg ghal tibdil ta' meters u stallazzjoni ta' meter, id-dokument B li hija l-applikazzjoni li kien mela l-konvenut Stephen Camenzuli in konnessjoni ma' dan ix-xoghol nhar it-28 ta' April 2009 u minkejja li l-attur ighid li kien applika mal-konvenut Stephen Camenzuli, dan ma jirrizultax li huwa minnu minn ezami ta' dan l-istess dokument, zewg ittri ta' acceptance li baghtet il-Water Services Corporation lill-konvenut Camenzuli Dok D u Dok E datata 31 ta' Lulju 2009 u 30 ta' Marzu 2010. Ghal darb'ohra ma hemmx referenza ghal haddiehor bhala applikant u l-accettazzjoni tal-konvenut de proprio Stephen Camenzuli datata 22 ta' Frar 2010 Dok F (fol. 34) ghal dan ix-xoghol u Dok G li huwa dokument mahrug mill-Bank of Valleta li jindika li l-

applikant konvenut Stephen Camenzuli kien ta garanzija ta' sitt elef ewro lill-Bank in konnessjoni ma' dan it-tender.

Illi mix-xhieda prodotta u cioe' kemm mill-attur kif ukoll mill-konvenut Stephen Camenzuli jirrizulta li n-negozju li kien ghaddej kien bejniethom biss u jirrizulta biss li omm Stephen kienet tghinu jzomm il-karti. Ma jidher minn imkien li hija kienet parti minn dan in-negozju jew li kellha xi sehem u in oltre dwar zewgha Alfred Camenzuli dan lanqas biss issemma f'xi parti tax-xhieda li xehdu. Hadd ma tkellem xejn fuq xi partecipazzjoni li allegatament seta' kellu l-konvenut Alfred Camenzuli.

Kif gie osservat fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet '**Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti'** jinghad li "*b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema 'l wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha*."

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet '**Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et'** deciza nhar l-hamsa (5) t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:-

*"Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kinitx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kinitx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha,*

*jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '**<u>Camel Brand Co Ltd vs Michael Debono</u>',** deciza fil-1 ta' Marzu 2002 dwar l-istitut ta' Legittimu kontradittur fejn gie ritenut li:-

*"Normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni."*

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost jirrizulta bic-car li l-eccezzjoni preliminari tal-konjugi Camenzuli ghandha tintlaqa' fis-sens li l-Qorti tiddikjara li l-konjugi Camenzuli m'ghandhomx interess guridiku f'dawn il-proceduri u konsegwentement m'humiex il-legittimi kontradditturi ta' l-attur u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba attrici fir-rigward taghhom.

Illi ghalhekk una volta din il-Qorti stabbiliet li hemm relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konvenut Stephen Camenzuli jispetta issa li titratta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2147(c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif sollevata mill-konvenut nhar is-17 ta' April 2013.

Jinghad qabel xejn u bhala regola generali li l-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent. Il-preskrizzjoni wkoll, dik tax-xorta li titfi l-process, hija istitut li min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi, u jitfisser dejjem b'mod li ma jgibx fix-xejn il-ghan li ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni.

Illi tkun inutili li ssir indagini biex wiehed jara jekk l-odjerna azzjoni tal-attur taqax jew le bil-preskrizzjoni bl-gheluq perjodu iehor, billi ma giet invokata l-ebda terminu ta' preskrizzjoni iehor salv dak li ser jigi diskuss aktar 'l quddiem, il-Qorti ma tistax, jekk dik invokata tirrizulta insostenibbli, tfittex biex tara jekk hix applikabbli xi preskrizzjoni ohra partikolari li ma tkunx giet invokata [**Artikolu 2111 tal-Kodici Civili],** u lanqas tista' tikkonsidra ebda preskrizzjoni ohra hlief dik specifikatament eccepita ('**Perit Victor Muscat vs Edgar Tabone**', Appell Civili, 18 ta' Frar 1963; **'Paul Xuereb vs Amabile Fiott'**,Appell Sede Inferjuri, 3 ta' Dicembru 1975). Il-Qorti tal-Kummerc espremiet ruhha f'dan is-sens:

*'Il-konvenut ma ssolleva ebda eccezzjoni ohra ta' preskrizzjoni u l-Qorti ma tistax tikkonsidra jew tapplika preskrizzjoni li ma gietx espressament imsemmija, u ma 'Minhabba dak li jipprovdi l-Artikolu 2111 tal-Kapitolu 16, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni specifika mressqa mill-imharrek u ma tistax minn rajha tqis li jezisti terminu preskrittiv iehor (ukoll jekk dan jezisti), ghaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qeghda tindahal u tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizzjattiva*.'

Illi sabiex tigi determinata liema hija l-preskrizzjoni applikabbli ghall-azzjoni partikolari wiehed irid jezamina d-dispozizzjonijiet partikolari tal-kuntratt li minnu titwieled l-azzjoni fid-dawl tal-eccezzjonijiet moghtija mis-socjeta' konvenuta u wara tistabilixxi s-sustanza tar-relazzjoni guridika ezistenti bejn il-partijiet. Illi fis-sentenza **"Stencil**

**<u>Pave (Malta) Ltd vs Dr. Maria Deguara noe</u>**" (P.A. - 30 ta' Ottubru, 2003) gie ritenut dwar preskrizzjoni li:

*"hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq".*

Illi jinghad ghalhekk ukoll li meta tigi eccepita l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni imiss lill-konvenut li jipprova li t-termini ghall-prezentata tal-azzjoni ikun ghalaq jew skada u ghalhekk li l-prova ta' preskrizzjoni tkun saret. Il-parti mharrka trid tipprova li l-parti attrici ghaddielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan miz-zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq. (Ara '**<u>Guido Vella vs Emanuel Cefai</u>**', Appell Civili tal-5 ta' Ottubru 2001, u '**<u>Victor Portelli vs Mark Psaila'</u>**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Mejju 2003. Ara wkoll f'dan ir-rigward il-kawza deciza fl-4 ta' Dicembru 1987 mill-Onor. Qorti tal-Kummerc, Onor. Imhallef Dr. J. D. Camilleri fl-ismjiet '**<u>Edgar Causon noe vs Abdelsalam Sheibani</u>**', u '**<u>Camilleri vs Frendo'</u>** (Kollezz. Vol XII pg.144) u '**<u>Joseph Borg vs Nobbli Maria Testaferrata Bonici'</u>** deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Marzu 1958. Minn naha l-ohra jekk dan jigi pruvat, ikun imiss imbaghad lill-attur li jipprova illi l-kors tal-preskrizzjoni ikun gie validament interrott u f'dan is-sens hija s-sentenza **"<u>Paolo Calleja vs Luigi Vella</u>"** (A.C. - 15 ta' April 1964).

Illi f'dan il-kaz il-konvenut issolleva l-preskrizzjoni fin-nota tieghu tas-17 ta' April 2013 u ma ressaq l-ebda prova in sostenn ta' dak sollevat minnu u strah biss fuq il-provi migjuba mill-attur u ghamel il-kontro-ezami meta dehrlu li kien il-kaz.

Illi l-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-Artikolu citat mill-konvenut dwar il-preskrizzjoni sollevata minnu u cioe' applikabbli bit-termini ta' sena fir-rigward ta' l-**Artikolu 2147 (c) tal-Kapitolu 16** tal-ligijiet ta' Malta.

Is-**sub inciz (c) tal-Artikolu 2147** li ghandu perjodu preskrittiv ta' sena jiddisponi is-segwenti:

"*L-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni ohra mhallsin bix-xahar, tal-artigjani jew tal-haddiema bil-gurnata ghall-hlas tal-granet tal-pagi, tas-salarji jew tal-fornituri li jkollhom jiehdu*."

Ghalhekk m'hemmx dubju li dan l-Artikolu japplika ghal hlasijiet li huma dovuti lill-impjegat ghar-rigward il-paga u/jew salarju taghhom u dak li l-istess impjegat huwa intitolat ghalih li huwa naxxenti mill-ligi li jemanixxi mill-Kapitolu 452 li jirregola l-impjiegi u r-relazzjonijiet industrijali. Dan l-Artikolu jirreferi ghal hlasijiet li l-impjegat ikun intitolat ghalih fix-xahar u ghal kull *fornitura* ohra li jkollu jiehu. Bil-kelma fornitura l-ligi mhix qed tinkludi dawk il-hlasijiet li huma naxxenti minn kuntratt *ad hoc* bhal ma huma il-performance bonuses jew profit li huwa intitolat ghalih wara li jithalsu spejjez mid-dhul izda ghal xi hlasijiet. Il-pretensjoni tal-attur ma hix bazata jew adirittura ma temanix mill-Kapitolu 452 izda temanixxi minn ftehim verbali maghmul bejn il-kontendenti.

Ghalhekk tali disposizzjoni tal-ligi ma tapplikax ghall-kaz in ezami u kwindi tali eccezzjoni qed tigi rigettata.

Jispetta ghalhekk lill-Qorti tittratta l-ahhar eccezzjoni u cioe' dik fuq il-mertu kif moghtija mill-konvenut Stephen Camenzuli li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u li fil-fatt huwa m'ghandu jaghti xejn lill-attur.

Illi t-tip ta' prova li jrid iressaq l-attur huma, skond il-gurisprudenza nostrana, is-segwenti:

a. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment

spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) (Vol. XLVI.i.5).

b. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista' jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta' (Vol. XXXVII.i.577).

c. Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti abbazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat m'huwiex veru ghax mhux ippruvat;

d. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kap. 12 li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita', kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati, allura skont gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni ("**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**" – A.I.C. (PS) -12 t'April, 2007; "**Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco** – A.C. -30 ta' Gunju 1912 (Vol. XXIV/i/104).

Illi hekk ukoll kif qalet din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta fis-sentenza '**Alexander Boiciuc vs Joseph Cardona**

**<u>ezercenti fil-kummerc bhala JC Real Estate’</u> (Avviz Numru. 260/2009CSH – 04/07/2012):**

“*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju m’huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta’ azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet... Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita’ u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f’kawzi civili, huma generalment suffecjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. (Vide ‘George Bugeja vs Joseph Meilak’ deciza 30 t’Ottubru 2003 PA).*”

Issa f’dan il-kaz jirrizulta li bejn l-attur u l-konvenut Stephen Camenzuli kien hemm speci ta’ partnership fuq installazzjoni u tibdil ta’ meters a bazi ta’ zewg tenders li kien rebah il-konvenut Stephen Camenzuli. Jirrizulta li effettivament l-konvenut kien applika ghal dawn it-tenders u dawn gew moghtija lilu. Jirrizulta li l-attur beda jghinu f’dan ix-xoghol u bejniethom kien hemm ftehim li l-profitt u l-ispejjez inkorsi kellhom jinqasmu. Jidher ukoll li z-zewg partijiet ghamlu xi spejjez qabel ma bdew dan in-negozju flimkien kif del resto spjegat Alfreda Camenzuli fix-xhieda taghha kif spjegat aktar ‘l fuq. Jidher pero’ li wara ftit ta’ zmien inqala xi dizgwid ghaliex il-konvenut xtaq li l-attur ikun bil-paga pero’ huwa ma riedx u ghalhekk in-negozju ta’ bejniethom sfaxxa. Il-konvenut ha lura il-*jack hammer* li kien xtara u l-attur ha lura il-vann li kienu juzaw ghax-xoghol li kien proprjeta’ tieghu kif ukoll l-ghodda li kien halla fil-garage ta’ missier Stephen Camenzuli.

Dwar il-kwistjoni ta’ kredibilita ta’ xhieda stante konflitt ta’ verzjonijiet il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza

moghtija mill-Qorti tal-Appell Inferjuri tal-24 ta` Marzu 2004 fl-ismijiet '**Xuereb et vs Gauci et',** fejn dik il-Qorti qalet hekk:

Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:

1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u

2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur". Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001. Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440)."

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Bugeja vs Meilak**", il-Qorti (PA/TM) irrimarkat:

*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghallkonvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli"*.

Fis-sentenza taghha tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**Ciantar vs Curmi noe**" din il-Qorti (PA/PS) qalet:

*"Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo"*.

Intant jigi rilevat li l-partijiet odjerni ma tantx kellhom kitba bejniethom dwar dak li kienu jonfqu u dak li kienu idahlu bhala hlas u kollox kien jimxi bil-kelma. In-negozju dam ghaddej ghal certu zmien u ma jidhirx li kien hemm xi problema fil-passat u kien biss meta iddecidew li ma jkomplux jahdmu flimkien li nqalghu dawn il-problemi u li l-attur hass li qieghed minn taht.

L-attur jghid li fil-fatt ircieva elf ewro inqas milli ircieva l-konvenut Stephen Camenzuli pero' ma jghidx kemm effettivament kien dahhal il-konvenut sabiex huwa ha elf ewro inqas. Mistoqsi mill-Qorti jispjega it-talba tieghu, huwa jghid li l-konvenut ircieva cekk ta' hamest elef ewro u tah elfejn u zamm tlett elef ewro u issa qed jippretendi li l-konvenut itih dik l-elf ewro differenza. L-attur ma tantx kien car u deciz f'dak li kien qed ighid. In oltre jinghad li qal dan id-diskors wara li l-ewwel qal li l-konvenut kien irceiva sitt elef ewro. Lanqas gab xi prova mill-Water Services biex jipprova kemm effettivament kien ircieva l-konvenut sabiex b'hekk jaccerta lill-Qorti x'kien verament il-pagament li kien qed jikkwistjoni dwaru. In kontro-ezami l-attur jghid li kellu bil-miktub id-dar kemm effettivament kien tah il-konvenut tul kemm damu jahdmu flimkien pero' din il-prova qatt ma pprezentaha. In oltre kieku harrek lir-rapprezentant tal-Water Services Corporation sabiex jipprova kemm ircieva hlas il-konvenut u wara jipprezenta dak li kien ircieva forsi kien jasal ghal figura aktar certu. Il-konvenut minn naha tieghu xehed li hu dejjem tah sehmu l-attur u anke ommu del resto ikkonfermat dan. In vista ta' din ix-xhieda u prova il-Qorti ma thossx li hija moralment konvinta li effettivament l-attur irnexxielu jipprova tali talba tal-elf ewro. Una volta l-attur jallega is-somma minnu citata kienet u ghadha dovuta, l-oneru kien fuqu li jipprova li l-hlas ma sarx.

Rigward it-tieni parti tat-talba u cioe' is-somma ta' tlett elef ewro rapprezentanti l-*loss of use* tieghu meta l-ghodda u l-vann tieghu kienu fil-garage ta' missier il-konvenut ghal perijodu ta' tlett gimghat, il-konvenut dwar dan ma jikkonstestax il-fatt li verament l-ghodda u l-vann kienu fil-garage ta' missieru ghal perijodu ta' zmien pero' jghid li dan sehh ghaliex meta qal lill-attur sabiex imur jigborhom kien jghidlu sabiex ihallilu kollox barra u huwa ma riedx ghaliex beza li jekk jinsterqu jehel hu ghan-nuqqas taghhom. Fil-fatt jghid li kien qal lill-attur sabiex imur ghalihom diversi drabi izda ma marx u meta eventwalment mar, il-konvenut jghid li tahomlu ghaliex kien jaf li ma kienux tieghu u l-attur iffirma ghalihom. Ma jidhirx li effettivament iffirma b'xi riserva ghalkemm din id-dokumentazzjoni lanqas ma giet esebita.

Il-konvenut jghid li bejnu u bejn l-attur ma kien hemm l-ebda ftehim dwar xi kumpens li setgha kien dovut lill-attur ghall-uzu tal-vann jew tal-ghodda ghaliex fil-fatt ighid li anke ghodda tieghu uzaw u sahansitra l-ghodda kienet tinzamm fil-garage ta' missieru fil-perijodu meta kienu jahdmu bih u qatt ma inghatat xi kera lilu. In oltre l-attur qed jitlob is-somma ta' tlett elef ewro bhala kumpens ghal tali uzu pero' jidher li dan l-ammont gie deciz arbitrarjament mill-attur stess ghaliex bejn l-attur u l-konvenut qatt ma kien hemm ftehim dwar dan. L-attur lanqas ressaq prova sabiex jindika il-Qorti kemm kienet il-*going rate* ta' kiri ta' ghodda kif kellu hu. Ghalhekk a bazi ta' din id-decizjoni arbitarja, il-Qorti ma tistax tasal li takkolji t-talba attrici f'dan ir-rigward.

**Ghalhekk din il-Qorti, filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konjugi Alfred u Alfrieda Camenzuli u tiddikjara li m'humiex il-legittimi kontaditturi ta' l-attur u ghalhekk tilliberhom mill-osservanza tal-gudizzju, qieghda tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Stephen Camenzuli fis-sens li l-ammont mitlub mhux dovut u konsegwentement qed tichad it-talba attrici fl-intier taghha.**

**L-ispejjez ta’ din il-kawza huma a karigu ta’ l-istess attur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------